MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 253/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**

**GIUSEPPE CASSAR**

**Illum 6 ta’ Dicembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Giuseppe Cassar ta’ 45 sena, iben il-mejjet George u Catherine nee` Borg, imwieled iz-Zejtun nhar is-17 ta’ Settembru, 1959 u joqghod fl-indirizz ‘Kons Garage’, Triq Abdusir,

Marsaxlokk, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 646859 M gie akkuzat:

Talli mill-Bajja ta' San Tumas, limiti ta' Wied il-Ghajn, fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Gunju, 2002 ghall-habta ta' xi nofs il-lejl nieqes hames minuti:

1. ikkommetta sgass u serq ta' diversi ghodod minn gabbana tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u Kostruzzjoni, ghad-detriment ta' l-imsemmi Dipartiment, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt Liri Maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, kif ukoll bil-hin;

2. u aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

3. volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-bieb ta' l-istess gabbana ghad-detriment ta' l-istess Dipartiment, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li taghti l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AC3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Cassar iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-refurtiva giet ritornata.
Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 264 (1), 267, 270, 278 (3), 280 (2), 281 (a), 334 u 325 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Giuseppe Cassar, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Cassar iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li r-refurtiva giet ritornata, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Giuseppe Cassar ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin millum l-imputat Giuseppe Cassar jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti qed taghti lill-imputat Giuseppe Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi l-Qorti rat li l-esperti li gew nominati kienu fl-inkjesta u mhux fil-kawza ghalhekk tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------